MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA
U GVERN LOKALI

Illum is-25 ta' Marzu, 2015

MJCL 95/15/ob

Lis-Sur Anthony C. Mifsud
Awditur Ġenerali
Uffiċju Nazzjonali tal-Verifika
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN1600

Għażiż Sur Mifsud,

Qed niktbulek b'referenza għall-varji skemi ta' għajnuniet għall-Kunsilli Lokali li ġew imnedija minn żmien għal żmien minn amministrazzjoni preċedenti matul il-leġiżlatura 2008-2013.

L-uffiċju tiegħek diġa' kellu l-opportunita' jippronunzja ruħu dwar kif dawn l-iskemi jew uħud minnhom wasslu biex ħallew numru ta' Kunsilli Lokali f'qagħda finanzjarja diffiċli. Minbarra dan, irid jiġi aċċertat li dawn il-fondi tqassmu skont il-prinċipji tat-trasparenza u l-*good governance* u bi proċessi opportuni li jiggarantixxu s-serjeta'.

Għaldaqstant qegħdin nitolbuk, skont il-poteri li tagħtina l-liġi bħala Ministru u Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Gvern Lokali rispettivament, biex formalment tniedi investigazzjoni dwar it-tħaddim tal-varji skemi ta' għajnuniet għall-Kunsilli Lokali mnedija matul l-amministrazzjoni preċedenti, il-proċessi u l-istrutturi governattivi li ntużaw u jekk id-deċiżjonijiet amministrattivi relattivi de quo kinux jilħqu l-livell ta' trasparenza u *good governance* mistennija f'dawn it-tip ta' proċeduri.

Qed nannettulek ma' dina l-ittra lista tal-iskemi li qed nagħmlu referenza għalihom.

Insellu għalik,

Owen Bonnici
*Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali*
*Membru tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi*

Stefan Buontempo
*Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali*

**Din l-ittra qed tiġi ffirmata wkoll mis-segwenti membri tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi:**

Segretarju Parlamentari Chris Agius
*Membru tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi*

Nutar Dr Charles Mangion
*Membru tal-Kumitat għall-Kontijiet Pubbliċi*

**A.** L-iskema, jew fondi, jew l-iskemi kollha li jirrigwardjaw ir-resurfacing ta' toroq b'sistema ta' Public Private Partnership skont kif spjegat fil-Memo 45/2010 hawnhekk annessa u mmarkata Dok 'PPP' maħruġa fit-22 ta' Marzu 2010 mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-perjodu kollu li jkopri l-kumplament tal-leġiżlatura preċedenti.

**B.**

| **Skemi għall-2009** | |
|---|---|
| | **Ammont Kommess** |
| Sustainable Development | €75,000.00 |
| Cultural Activities | €144,500.00 |
| Sports | €16,631.40 |
| Energy Savings | €314,900.00 |
| Special Needs | €565,000.00 |
| Libraries | €29,354.00 |
| Special Projects | €351,000.00 |
| Clean Localities | €85,110.89 |
| Better Accessibility | €246,784.10 |
| Local Enterprise Awards | €90,000.00 |
| Green Challenge Awards | €90,000.00 |
| | |
| | **€2,008,280.39** |

**C.**

| **Skemi għall-2010** | |
|---|---|
| | **Ammont Kommess** |
| Sustainable Development | €160,000.00 |
| Administrative Committees | €233,000.00 |
| Cultural Activities | €276,500.00 |
| Small Localities | €240,000.00 |
| Sports | €24,594.58 |
| Alternative Energy | €188,900.00 |
| Special Needs | €538,000.00 |
| Libraries | €26,908.00 |
| Historical Places | €161,000.00 |
| National Activities | €96,700.00 |
| Lifelong Learning | €46,627.90 |
| Cleaner Localities | €66,391.00 |
| | |
| | **€2,058,621.48** |

**Dr Owen Bonnici LL.D.,M.P.**
Minister for Justice,
Culture & Local Government

D.

| Skemi għall-2011 | |
|---|---|
| | **Ammont Kommess** |
| Administrative Committees | €279,752.30 |
| Cultural Activities | €280,800.00 |
| Sports | €27,744.50 |
| Libraries | €20,618.00 |
| Cultural Activities 2012 | €340,900.00 |
| egov4u | €75,000.00 |
| Lifelong Learning | €15,366.28 |
| Accessibility | €194,934.00 |
| | |
| | **€1,235,115.08** |

E.

| Skemi għall-2012 | |
|---|---|
| | **Ammont Kommess** |
| Sports | €29,113.06 |
| egov4u | €75,000.00 |
| Libraries | €22,016.00 |
| Lifelong Learning | €23,317.00 |
| Lokalitajiet Zghar | €101,000.00 |
| Progetti Specjali | €101,300.00 |
| Postijiet Storici | €109,000.00 |
| Kultura Part 1 | €74,500.00 |
| | |
| | **€535,246.06** |

F.

| Skemi għall-2013 (sa tmiem il-leġiżlatura preċedenti) | |
|---|---|
| | **Ammont Kommess** |
| | |
| Kultura Part II | €171,000.00 |
| Sports | €29,842.88 |
| Libraries | €26,807.82 |
| Book Box | €8,800.00 |
| Special Initiatives | €110,500.00 |
| | |
| | **€346,950.70** |

**Dr Owen Bonnici LL.D.,M.P.**
Minister for Justice,
Culture & Local Government

P P P

L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

MALTA

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali*

*Department for Local Government*

Ref. Tagħna: LCD 13/1994/XII

22 ta' Marzu 2010

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 45/2010

## KUNTRATTI ĠODDA DWAR *RESURFACING* TA' TOROQ B'SISTEMA TA' *PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP*

Bħal ma ġejtu infurmati f'diversi okkażżjonijiet, minn din is-sena ser jibda jitħaddem il-kunċett ta' *Public Private Partneship* fejn jidħol ir-*resurfacing* ta' toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali.

Għal dan il-għan, ġew imħejjija *specific conditions* ta' Sejħa għall-Offerti li l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu joħorgu biex jagħmlu dan ix-xogħol f'numru ta' toroq residenzjali tagħhom. Il-kunċett bażiku ta' dan it-*tender* huwa li Kunsill jidħol fi ftehim ma' kuntrattur biex dan ta' l-aħħar jagħmel xogħol ta' *resurfacing* fuq numru ta' toroq tal-Kunsill liema toroq ikunu identifikati minn qabel mill-Kunsill fil-ħruġ tas-Sejħa. Dan ix-xogħol irid jitwettaq fi żmien sena. Barra minn hekk, il-kuntrattur jintrabat li jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fuq dawn it-toroq għal tmien snin.

Il-metodu tal-ħlas ta' dan il-kuntratt ser ikun hekk: Wara li jitlesta' ix-xogħol ta' resurfacing, il-Kunsill ikun irid iħallas 40% tas-somma tal-kuntratt. Wara l-ewwel sena mit-twettiq tax-xogħol, il-Kunsill iħallas 20% tal-kuntratt u wara t-tieni sena il-Kunsill iħallas 10%. Imbgħad għas snin l-oħra sat-tminn sena, il-Kunsill iħallas 5% kull sena.

Bħala parti mill-iskemi ta' fondi speċjali 2010 kien ġie imħabbar li ser ikun hemm fond speċjali biex jgħin lil dawk il-Kunsilli li jkunu interessati jidħlu f'dan it-tip ta' kuntratt. Għaldaqstant, dawk il-Kunsilli Lokali li huma interessati għandhom jidentifikaw numru ta' toroq li jridu jiġu inklużi fis-Sejħa u jibgħatu lista ta' dawn flimkien ma stima minn perit ta' kemm ser jiġi jiswa dan il-kuntratt. Malli dan id-Dipartiment japprova din il-lista, il-kunsill ikun jista' jipproċedi billi joħroġ is-Sejħa bl-*ispecific conditions* li qed jiġu mehmuża ma' din iċ-ċirkolari. F'dan il-każ, id-Dipartiment jikkommetti ruħu li għall-ewwel sena, jirdoppja l-ammont li l-Kunisll għandu fl-allokazzjoni finanzjajra tiegħu fuq manutenzjoni ta' toroq, fil-waqt li għat-tieni sena, il-Kunsill jingħata 25% żieda fuq l-allokazzjoni tiegħu għall-manutenzjoni ta' toroq.

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 1443
TEL: 21 226534-6 FAX: 21 224904

**Dr Owen Bonnici LL.D.,M.P.**
**Minister for Justice,**
**Culture & Local Government**

Dawk il-Kunsilli li huma interessati jridu jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom malajr kemm jista' jkun għaliex dawn l-applikazzjonijiet jibqgħu miftuħa sakemm jittieħed il-vot kollu allokat għad din l-iskema. L-applikazzjonijiet jiġu ipproċessati fl-ordni li jidħlu fid-Dipartiment.

Jekk jogħġobkom indirizzaw l-applikazzjoniiet tagħkom lid-Direttur (Gvern Lokali), għall-attenzjoni tas-Sinjura Deborah Pace.

Silvio Frendo
għad-Direttur, Gvern Lokali

Memhuża: *Specific Conditions* għar-*resurfacing* ta' toroq

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Segretarju Permanenti *(ITSD)*, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Direttur Ġenerali (Informazzjoni, Gvern Lokali u Konsultazzjoni Pubblika), Uffiċċju tal-Prim Ministru
Awditur Ġenerali
Ombudsman
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

*SF/sf – tendering- PPP resurfacing tender*

**Dr Owen Bonnici LL.D.,M.P.**
Minister for Justice,
Culture & Local Government